# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Marzu 2025**

**Rikors numru 230/2020**

**Mario Buhagiar (K.I. 981048M)**
**vs.**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

1. Rat ir-rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2020, fejn ir-rikorrent talab lil din il-Qorti:

i) Tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq u li ġie, jew se jkun iddiskriminat, u dan bi ksur tal-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
ii) Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.

U dan wara li, in suċċint, ippremetta li:

(a) Il-każ kriminali kontra r-rikorrent kien ġie msejjes fuq stqarrija li ġiet rilaxxjata mir-rikorrent lill-pulizija, li kienet ġiet imqabbla max-xiehda bil-ġurament li huwa kien ta' quddiem il-Qorti u stqarrija oħra mogħtija mix-xhud Christopher Buhagiar. Dawn l-istarrijiet tar-

rikorrent u dan ix-xhud ingħataw mingħajr ma huma kienu mogħtija l-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju peress li dak iż-żmien il-liġi ma kienetx tippermetti tali assistenza la quddiem il-Pulizija u l-anqas quddiem il-Maġistrat inkwirenti. Ir-rikorrent irrikonoxxa li fis-sentenza Paul Anthony Caruana vs. L-Avukat Ġenerali intqal li ċ-ċaħda tal-assistenza legali għal persuna arrestata fiha nnifisha ma kienetx tikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem għalkemm il-Qorti riedet tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u konsiderazzjonijiet oħra fosthom anke l-vulnerabilita tal-persuna arrestata. B'hekk ir-rikorrent irrikonoxxa li r-restrizzjoni sistemika tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju waħedha ma kienetx leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem iżda l-Qorti riedet tieħu konsiderazzjoni tal-proċeduri kriminali b'mod sħiħ u komplut. Ladarba r-rikorrent kien għadu żagħżugħ u għalhemm meqjus vulnerabbli huwa kellu jedd għall-aktar ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem peress li meta rrilaxxja dik l-istqarrija huwa kien għadu ġuvnott mingħajr esperjenza preċedenti ta' interrogazzjoni. Għalhekk in-nuqqas t'assistenza legali f'dan il-każ kienet leżiva tal-jeddijiet tiegħu b'mod li t-teħid tal-istqarrijiet tiegħu u ta' Christopher Buhagiar kienu leżivi tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent.

(b) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA tat-30 ta' Novembru 2009, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġew meħtieġa li jirrikonoxxu r-riżultati tal-analiżi magħmula minn laboratorji ta' servizzi forensiċi akkreditati fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Din id-Deċiżjoni Kwadru ġiet trasposta f'Malta bil-Liġi Sussidjarja 460.31 ossija l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji mid-29 ta' Marzu 2016. Dawn il-fornituri riedu jiġu allura akkreditati nazzjonalment li jkunu jikkonformaw mal-mekkaniżmu EN ISO/IEC 17025 li jiċċertifika jekk laboratorji forensiċi setgħux joperaw b'mod kompetenti u jagħtux riżultati kredibbli u attendibbli. F'dan il-każ l-analiżi tad-droga li saret mill-Ispiżjar Mario Mifsud ma kienetx magħmula f'laboratorju akkreditat biex b'hekk ir-riżultanzi waslu għal nuqqasijiet u preġudizzji kbar għar-rikorrent minħabba nuqqas ta' konformita mal-imsemmija standards. Minħabba f'hekk il-jeddijiet ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent ġew leżi;

(c) Ir-rikorrent ġie mixli b'reati marbuta mal-ispaċċ tad-droga bl-aggravju tad-distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ, liema aggravju kien intiż li jippunixxi b'mod iżjed sever lil min jiffaċilita l-aċċess għad-droga liż-żagħżagħ billi jwettaq l-attivita tiegħu f'ċerti akkwati fejn jiltaqgħu iż-żagħżagħ. Ir-rikorrent instab ġewwa l-

karozza li fiha nstabet xi droga mingħajr ma r-rikorrent deher jinżel minnha biex jiffaċilita l-aċċess taż-żagħżagħ għad-droga. Il-liġi ma kienetx hemmhekk biex tħaddem dan l-aggravju b'mod awtomatiku mingħajr prova tal-intenzjoni tal-akkużat li juża dik id-distanza biex jiffaċilita l-attivita ta' spaċċ tad-droga liż-żagħżagħ. B'hekk ir-rikorrent saħaq li bil-fatt li huwa ġie addebitat dan l-aggravju, huwa ġie diskriminat u mċaħħad milli jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk kemm minħabba li fil-każ tiegħu l-aggravju tad-distanza tal-mitt metru ġie applikat b'mod awtomatiku mingħajr ma ttieħed kont tal-intenzjoni jew l-azzjoni tar-rikorrent, kif ukoll minħabba li l-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien jeskludi l-applikabbilita tiegħu f'każ li persuna tiġi addebitata b'dak l-aggravju mingħajr ma jingħata spjegazzjoni għal dik l-esklużjoni jwaslu għal forma ta' diskriminazzjoni kontra r-rikorrent bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu.

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2020, fejn eċċepixxa li l-azzjoni tar-rikorrent kienet intempestiva peress li l-proċess kriminali kien għadu ma ġiex mitmum u b'hekk l-ilment ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq imressaq mir-rikorrent seta' jiġi eżaminat biss ladarba l-proċess kriminali ikun konkluż.

3. Fil-mertu, l-Avukat tal-Istat saħaq li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jitkellem dwar jedd għal smiegħ xieraq u mhux jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel jew waqt li tittieħed stqarrija. L-Avukat tal-Istat irrefera għal sentenzi reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, fejn ingħad li mhux il-każ li n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal *ipso facto* għal ksur ta' jedd tas-smiegħ xieraq. Irrefera wkoll għall-ġurisprudenza li saħqet li sabiex jiġi determinat jekk ikunx hemm ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq il-Qorti riedet tqis il-proċess kollu kemm hu fit-totalità tiegħu. Apparti minn hekk la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea ma hemm sanċit li l-interessi jew jeddijiet tal-persuna arrestata u nterrogata jkunu mħarsa biss u unikament bil-preżenza tal-Avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-Pulizija.

4. B'referenza speċifika għall-każ in eżami, l-Avukat tal-Istat sostna li r-rikorrent bl-ebda mod ma ġie mġiegħel li jirrilaxxja stqarrija. Huwa ingħata twissija skont il-liġi u l-istess rikorrent kien fehem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Referibbilment għall-istqarrija li ġiet rilaxxata minn Christoper Buhagiar hija biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandha d-dritt li tilmenta li ma kelliex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq. Id-dritt għal smigħ

xieraq ma kienx jagħti dritt lill-persuna akkużata b'reat kriminali li ma titressaqx f'xhieda għaliex tista' b'xi mod tkun ta' ħsara għaliha. F'dan ir-rigward saret referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs. Clayton Azzopardi**, fejn il-Qorti ma sabet l-ebda ksur tajjeb ta' żmien xieraq bit-teħid tal-istqarrija ta' xhud ewlieni meta tali xhud ma kienx assistit minn avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija.

5. Dwar il-lanjanza naxxenti minn allegat nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn saru t-testijiet fuq id-droga, l-Avukat tal-Istat saħaq li din ma kienetx kwistjoni ta' indole kostituzzjonali. Oltre minn hekk id-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA li titratta akkreditazzjoni tal-laboratorji forensiċi ma kienetx applikabbli għall-każ odjern stante li dak li tesiġi u tirregola d-Deċiżjoni Kwadru kienu l-laboratorji forensiċi li jagħmlu testijiet tal-marki ta' swaba jew tal-profili tad-DNA. L-artikolu 2 tal-istess Deċiżjoni Kwadru kien jagħmilha ċara li din l-applikazzjoni kienet limitata għall-attivitajiet f'laboratorji ta' dik in-natura. Kien biss f'dawk il-każijiet li l-artikolu 4 kien jimponi l-obbligi fuq l-Istati Membri sabiex il-laboratorji relattivi jkunu akkreditati. B'hekk il-lanjanza tar-rikorrent fuq dan l-aspett ma kienetx treġi.

6. Dwar il-lanjanza tar-rikorrent b'referenza għal mitt metru minn skola, club jew post fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ skont kif jipprovdi l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn huwa lmenta li b'xi mod kien ġie diskriminat, ġie sostnut li ilment mibni fuq allegata diskriminazzjoni bażata fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ried ikun qiegħed jipparaguna sitwazzjoni li ma tkunx oġġettivament differenti b'mod li l-paragun isir fuq il-bażi ta' fatti li jkunu simili. B'hekk l-Avukat tal-Istat sostna li l-ilment marbut mal-kwalifika tad-distanza tal-mitt metru kien ilment frivolu u vessatorju in kwantu ma kienx ċar fuq liema bażi r-rikorrent sostna li kien qiegħed jiġi diskriminat.

7. Inoltre din il-lanjanza kienet prematura in kwantu l-kwistjoni dwar jekk ir-reat allegatament twettaqx mir-rikorrent u jekk dan kienx kwalifikat bid-distanza tal-mitt metru kienet kwistjoni li kien għad trid tiġi determinata quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. F'dan l-istadju r-rikorrent ma kienx għadu ġie dikjarat ħati ta' dan ir-reat u wisq anqas tal-aggravju.

8. F'dan il-każ ma kienx jirriżulta li l-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien applikabbli għar-rikorrent. Ma kienx magħruf kif ir-rikorrent

wasal għall-konklużjoni li kien qed jiġi iddiskriminat. Inoltre, ma kienx kompitu ta' din il-Qorti li tiddetermina hi jekk l-aggravju tal-mitt metru kienx ippruvat, ġustifikat, jew le.

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat ippreżentata fit-12 ta' Ġunju 2024.

10. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet fit-23 ta' Settembru 2024.

11. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

12. Rat li fil-verbal tat-23 ta' Settembru 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## A. FATTI TAL-KAŻ

13. Nhar l-14 ta' Marzu 2008, għall-ħabta tal- 5.30p.m. ġewwa Vjal il-Blue Grotto ż-Żurrieq, il-Pulizija interċettaw lil Mario Buhagiar u għamlu tfittxija fil-vettura Hyundai Accent vjola numru KAD 882, misjuqa mill-istess rikorrent, fejn ġew elevati mill-bieba tal-istess vettura pakkett tas-sigaretti li kien fih xi droga. Minbarra hekk, minn tfittxija li saret fir-residenza tar-rikorrent instabet raża oħra u ammonti diversi tà flus u anke drogi oħra. Jirriżulta li ir-rikorrent kien qiegħed jaġixxi ma' ċertu Christopher Buhagiar u ż-żewġ persuni kemm ir-rikorrent u kemm Christopher Buhagiar irrilaxxaw stqarrija lill-Pulizija. Għalhekk, ir-rikorrent tressaq quddiem il-qorti mixli b'sensiela ta' reati primarjament bil-pussess aggravat ta' droga bl-aggravju tal-mitt metru minn post fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ. Il-proċess quddiem il-Qorti penali għadu pendenti u għadu għaddej.

## B. L-EWWEL EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

14. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-azzjoni tar-rikorrent kienet intempestiva għax ġaladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu mhux mitmum ma kienx magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi ir-rikorrent kien sejjer ikun żvantaġġat. L-ilment tar-rikorrent ma setgħax jiġi diskuss u trattat *in vacuo*. Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex ma teżerċitax is-setgħat Kostituzzjonali u

Konvenzjonali tagħha peress li biex tinstab vjolazzjoni għas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kien meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Għalhekk l-ilment ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq imqanqal mir-rikorrent seta' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess Kriminali jiġi magħluq għaliex huwa biss f'dak il-punt li l-ilment ikun jista' jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu, mingħajr ma jiġi maqsum mgħarbel fuq inċident partikolari biss.

15. Igħid li l-Qrati Maltin dejjem kienu tal-fehma li meta jiġu biex japplikaw l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma riedu jqisu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ fl-isfond proċesswali kollu kemm hu. F'dan il-kuntest, il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża fl-ismijiet **il-Pulizija vs Dr. Melvyn Mifsud** deċiża fis-26 ta' April 2013 qalet:

> Hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-qorti u tal-organi ta' Strasburgu li l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni ta' dritt tas-smigħ xieraq, irid isir billi jittieħed qies tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom, u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel.

16. Għalhekk l-Avukat tal-Istat issottometta li l-allegazzjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq sollevati mir-rikorrent kienu intempestivi ġaladarba l-proċeduri kriminali kienu għadhom ma ntemmux, b'mod li kien għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent kien sejjer jiġi żvantaġġat. L-Avukat tal-Istat straħ ukoll fuq l-iskorta tal-appell kostituzzjonali fl-ismijiet **Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali** deċiż fis-16 ta' Marzu 2011 dwar dan il-punt.

17. F'dal każ, ir-rikorrent beda biex ilmenta minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan minħabba n-nuqqas tad-dritt tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni tiegħu kif ukoll minħabba li l-Laboratorju fejn ġiet analizzata d-droga ma kienx laboratorju akkreditat. Kwantu għall-allegat ksur ta' drittijiet umani minħabba nuqqas ta' smiegħ xieraq, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il darba l-akkuża ma tigix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

18. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

1.Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi........
2. Kull Min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.
3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
a. li ikun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettall dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
b. li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
c. li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk.

19. Fl-analiżi tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tas-smiegħ xieraq, huwa illum ritenibbli assodat li l-proċeduri għandhom jitqiesu fit-totalità tagħhom: ara fosthom il-każ **Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud** fis-26 ta' April 2013, fejn ingħad:

Dan huwa ugwalment applikabbli meta din il-qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkun ser isseħħ tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linja eċċezzjonali xi fattur partikolari tal-proċeduri jista' jkun tant determinanti ta' dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni ta' dritt in kwistjoni......... Iżda dan m' huwiex il-każ li għandha l-qorti quddiemha llum.

Fil-każ tal-lum, imma anke kieku kien minnu li naqsu xi notamenti bil-miktub, li kienu xi darba jiffurmaw parti mill-atti - ħaġa li kif ingħad ma tirriżultax ppruvata f'dawn il-proċeduri mill-appellant fi grad li trid il-liġi - il-qorti ta' kompetenza kriminali tkun għad trid tevalwa r-relevanza ta' dik il-kitba allegatament nieqsa tenut kont tal-fatt li l-appellanti jallega li jeħtieġ dik il-prova sabiex isostni l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni filwaqt li l-prosekuzzjoni issostni li r-reat li bih huwa akkużat l-appellant huwa wieħed ta' natura permanenti u li bħala konsegwenza iġib miegħu, il-fatt li terminu preskrittiv anqas biss jibda jiddekorri sakemm jibqa' jissussisti l-fatt projbit mil-liġi u ċjoé, fil-każ *de quo* in-nuqqas tal-pagament tal-ammonti allegatament dovuti lill-avukat Dottor Carmelo Grima; il-qorti referenti jista' jeħtiġilha tipprovdi jekk għandhiex tammetti xi prova sekondarja in sostituzzjoni ta' xi prova primarja u tkun għad trid tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni ittentatx l-azzjoni penali fiż-żmien previst mil-liġi, u jekk tkunx ippruvat il-ħtija tal-akkużat sal-grad previst mil-liġi penali, u ċjoe` oltre` d-dubju raġonevoli, u eventwalment fid-dawl ta' dan kollu, tkun trid tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-appellant.

Ikunx hemm vjolazzjoni ta' dritt għal smigħ xieraq għalhekk, jiddependi minn kif il-qorti referenti titratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi

proċesswali appena elenkati, fost oħrajn li jistgħu jitqegħdu quddiemha fil-kors tal-proċess, u għalhekk ċertament il-fatt waħdu previst minn appellant sabiex hu jsostni t-talba tiegħu għal referenza lil din il-qorti ma hux waħdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, li għalhekk hija ghal kollox intempestiva, prematura, u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-qorti referenti.

20. Ukoll, fl-appell kostituzzjonali **Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Ġenerali**, deċiż fis-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet li sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq, kien hemm bżonn li jsir apprezzament tal-proċess kriminali kollu. F'dak il-każ il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

Għalhekk sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-proċess finali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-eżerċizzju li jrid l-appellant, kemm għax l-appellant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu ir-rimedji u l-mezzi ta' ħarsien kollha li jagħtih il-proċess penali - hu għalhekk għad għandu rimedji taħt il-liġi ordinarja - u kif ukoll għax din il-qorti għadha ma tistax tqis il-proċess penali kollu kemm hu - għax għadu ma sarx - biex tkun tista' tgħid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali, mhux f' episodju iżolat iżda fil-kuntest tal-proċess meqjus kollu kemm hu, u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispożizzjonijiet tal-liġi attakkati.

21. Għalhekk ir-regola ġenerali f'dan il-qasam, hija li biex qorti tista' tgħid b'konvinzjoni jekk hemmx ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, hemm bżonn li l-Qorti tqis il-proċess kollu fit-totalità tiegħu.[1]

22. Madankollu, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, dwar ir-referenza li kienet saret mill-Qorti Kriminali fil-kawża **Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri** il-Qorti Kostituzzjonali osservat hekk:

Tassew illi il-ġurisprudenza ġeneralment hija kif jgħid l-Avukat Ġenerali ukoll fil-każ ta' **Imbrioscia vs l-Isvizzera** (QEDB 24 ta' Novembru 1993 (13972/88.4), li ukoll kien dwar id-dritt għall-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropea qalet illi kellha tagħmel 'a scrutiny of the proceedings as a whole'. Dan huwa prinċipju ġenerali li japplika għall-jedd

---

[1] Dan il-prinċipju dwar is-smigħ tat-totalita tal-proċedura jinsab assodat ukoll f'deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom fl-kawża **Mitterand vs. France** (39344/04 deciza fis-7 ta' Novembru 2006 u fil-każ **De Villepin vs. France** (63249/09) deċiża fil-21 ta' Settembru 2010. Ara wkoll lokalment l-appell kostituzzjonali **David Norbert Schembri vs. Avukat Ġenerali** deċiż fil-25 ta' Marzu 2011; **General Workers Union vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Diċembru 2017; u **The Police vs. Austin Uche et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018.

tas-smiegħ xieraq, u ma jidhirx li hemm xi raġuni għala fil-kuntest tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat, għandu jkun differenti.

Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-każ **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011, jista' jiġri illi episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu, u għalhekk ma jkunx il-każ li il-qorti tistenna sakemm jintemm il-każ. Dan jista' faċilment jiġri fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija. Huwa minnu illi jekk ikollha raġuni għax taħseb illi dik l-ammissjoni ma jkollix mis-sewwa, il-qorti tista' ma toqgħodx fuqha. Ma jistax ma jingħadx iżda illi l-istqarrija ta' ħtija, aktar iva milli le, tkun determinanti.

Din il-qorti għalhekk ma tarax illi hemm raġunijiet biżżejjed biex tiddisturba din il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, u li wasslitha biex tagħti deċiżjoni qabel ma jkun intemm il-proċess penali.

Barra minn hekk, dan il-każ jinbeda b'referenza mill-qorti kriminali, li waqqfet is-smigħ quddiemha sakemm ikollha tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-ewwel qorti ma tweġibx għar-referenza billi tistenna sakemm jingħalaq il-proċess kriminali.

Sa fejn irid illi l-qorti tqis 'it-totalità tal-proċedura' qabel ma twieġeb għar-referenza, l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

23. Il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu lil Qorti Kostituzzjonali s-setgħa u d-diskrezzjoni biex ma tħallix li jsiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, u li jiġi żgurat ukoll li l-ilment tar-rikorrent dejjem jiġi eżaminat minn lenti kostituzzjonali, u r-rimedji kostituzzjonali mitluba, liema diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata bi prudenza.[2]

24. Fil-każ **Wasim Rakib vs. L-Agenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru 2022 ġie osservat li r-rikors għal organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali kellu jsir wara li r-rimedji ordinarji jkunu ġew eżawriti jew meta ma jkunux aktar disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma kienx ifisser li l-Qorti kellha tikkonsidra li ma kellhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha, jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero ser jirrimedja dik il-parti mill-lanjanza tar-rikorrent.[3] Dan l-insenjament ġie ukoll

---

[2] Ara l-appelli kostituzzjonali **Green vs. Avukat Ġenerali et** deċiż fit-13 ta' April 2007; u **Olena Tretyak vs. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs** deċiż fis-16 ta' Jannar 2006.

[3] Ara l-appell kostituzzjonali **Dr. Mario Vella vs. Joseph Bannister noe** deċiż fis-7 ta' Marzu 1994, fejn ingħad:

> Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll ta' din il-qorti, jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:

applikat reċentament mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Paul Mckay vs. Kummissarju tal-Pulizija** (500/95) deċiż fid-9 ta' Ottubru 2001:

> Il-fatt ta' non uso tar-rimedju ordinarju *ut sic*, u indipendentement mhux neċessarjament dejjem u f'kull każ, u b'mod assolut għandu jwassal lill-qorti li tkun li tiddeklina li tagħti rimedju. Jista' jkun hemm każijiet fejn il-qorti nonostante l-fatt illi ma kienx hemm użu tar-rimedju ordinarju, xorta ma tiddeklinix li tieħu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali u tadotta ir-rimedji kif effettivament ġieli ġara f'każijiet li verament huma rari, imma li jeżistu speċjalment meta jirriżulta jew li r-rimedju fi kwalunkwe każ ma kienx ikun effettiv jew inkella meta ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu tali li jirrikjedu azzjoni immedjata u li r-rikors għal rimedju ordinarju seta' jkun tali li jaggrava s-sitwazzjoni u l-vjolazzjoni ta' dritt fundamentali.

25. Fil-każ **Ramon Fenech vs. L-Avukat tal-Istat** (55/2022) deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2022, u kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 2023, il-Qorti wara li ċċitat ġurisprudenza fejn ingħad li l-qorti b'kompetenza kostituzzjonanali kemm jista' jkun m'għandhiex tixħet ħarsitha fuq biċċa waħda biss tal-kawża biex tasal għall-konklużjoni jekk seħħx ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq, iżda jeħtieġ li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu, kompliet billi żiedet tgħid hekk:

> Tassew darba li l-proċess kriminali jkun għadu ma ġiex mitmum, ikun għadhom mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi persuna tista' tiġi żvantaġġata. Għal dak li jiswa, jista' jkun il-każ li l-ġurati fl-aħħar mill-aħħar ma jsibux ħati lill-akkużat, u għalhekk ħafna mill-ħsibijiet ħżiena tiegħu jisfaw fix-xejn.
>
> Madankollu, din ir-regola ġenerali li xilja ta' ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq għandha tiġi mistħarrġa wara li jintemm il-proċess kollu, mhijiex ir-regola assoluta li ma tbatix minn eċċezzjonijiet.

26. Fost l-eċċezzjonijiet għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea, dik il-Qorti semmiet li r-rimedju kostituzzjonali jew konvenzjonali jista' jintalab mhux biss meta jkun

---

a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar rikorrent, biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali, għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humiex disponibbli.
b) Din il-qorti kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalita jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju tad-diskrezzjonalita tal-Ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.
c) Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu.
d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-qorti għandha tikkonsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero se jirrimedja ħlief in parti lanjanzi tar-rikorrent.
e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-qorti tieqaf u ma tipproċedix bi trattazzjoni tal-każ.
f) Meta l-Ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

ġa seħħ ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, iżda jista' jintalab ukoll meta x'aktarx ikun sejjer iseħħ ksur ta' dawk il-jeddijiet.

27. Inoltre, fil-kawża **Tyrone Fenech et vs. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-5 ta' Jananr 2016, intqal hekk:

> In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, The Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually acquitted or that proceedings be discontinued (compare, Dimech, cited above, § 46).
>
> The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejcted as premature when the criminal oroceedings were still pending (see, Dimech, cited above, § 48, Kesik vs Turkey, (dec.), no.18376/09, 24 August 2020 and Simons vs Belgium (dec.) no.71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame vs Belgium (dec.), no.16147/08, 2 March 2010)
>
> The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this compaint to be premature.
>
> Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.

28. F'dak il-każ l-ilment kien jolqot l-ammissibbiltà ta' prova mressqa f'kawża kriminali li kienet għadha pendenti. Il-QEDB qieset allura li billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom għaddejjin, qieset li li kien bikri wisq sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le.

29. Fil-każ in eżami, għalkemm l-Avukat tal-Istat stieden lil din il-Qorti tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed jippernja din l-eċċezzjoni fuq rimedju ordinarju ieħor li r-rikorrent kellu f'din il-proċedura daqskemm mill-fatt li jinsisti li l-proċedura odjerna kienet intempestiva peress li l-każ kriminali fil-konfront tar-rikorrent kien għadu mhux deċiż.

30. L-Avukat tal-Istat jikkonċedi li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jippermettu azzjonijiet Kostituzzjonali meta drittijiet lamentati jkunu x'aktarx ser jiġu miksura. F'dan is-sens irrefera wkoll għall-appell kostituzzjonali **Glenn Beddingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiż fis-7 ta' April 2003, fejn ingħad:

> Huwa vera li s-subartikolu wieħed ta' l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 jitkellem dwar allegazzjoni ta' dak li jkun li xi dritt fundamentali tiegħu 'x'aktarx ser jiġi miksur', iżda din l-espressjoni qatt ma ġiet interpretata, sia fil-kuntest tal-imsemmi artikolu 4 u sia fil-kuntest tad-dispożizzjoni analoga fil-Kostituzzjoni, li l-Prim Awla (fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha) jew din il-qorti għandhom jiddeċiedu kwistjonijiet jew fl-astratt jew fl-ipoteżi li tavvera ruħha xi kontinġenza partikolari. Biex wieħed jista' jallega li 'x'aktarx ser jiġi miksur' xi dritt fundamentali il-fatti jridu jkunu tali li jistgħu jwasslu raġonevolment għal stat ta' fatt determinat, liema stat ta' fatt ikun jikkozza ma' xi wieħed jew aktar mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

31. Il-ġurisprudenza suċitata allura tgħallem li meta l-proċeduri ġudizzjarji suġġetti għall-ilment ikunu għadhom ma ntemmux, u allura l-eżitu tagħhom ikun għadu mhux magħruf, jista' jkun li l-proċediment kostituzzjonali jkun meqjus prematur. Ilment waqt proċeduri pendenti jista' jingħata konsiderazzjoni jekk id-dritt lamentat ikun x'aktarx ser jiġi vvjolat u l-ksur ikun wieħed reali u imminenti. Fl-appell kostituzzjonali **Avukat Dr. Samuel Azzopardi vs. L-Avukat Ġenerali et** (75/2016) deċiż fis-26 ta' Jannar 2018kien ingħad li:

> Illi qabel xejn jiġi senjalat li skont il-Kostituzzjoni, kif ukoll skond il-Konvenzjoni Ewropea, kif adottata fl-ordinament ġuridiku tagħha permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kull persuna tista' tfittex ħarsien fejn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħha mhux biss qed jiġu miksura imma anki jekk x'aktarx ser jiġu miksura (artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> .... / ....
>
> Illi iżda kontrarjament għal dak sottomess mill-intimati, l-artikoli suċitati ma jimpedux lill-qorti milli tinvestiga allegat ksur (attwali jew potenzjali) anke qabel ma jiġu konklużi l-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

32. F'dan il-kuntest, din il-Qorti, eżerċenti ġurisdizzjoni straordinarja ma kellhiex ukoll il-kompetenza li tistħarreġ il-mertu tal-każ jew il-mod kif Qorti oħra kellh tiżhen il-mertu u l-evidenza li

tinġieb quddiemha.[4] Dan minħabba r-riskju li jekk il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tinvesti l-meritu tal-każ qabel ma l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tagħmel dan, il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tispiċċa ttappan il-proċedura kriminali kollha billi mhux biss iżżomm, iżda wkoll tużurpa r-rwol tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali – ħaġa li kjarament ma tistax tagħmel.

33. In-natura tat-talbiet li jinkludu kemm stħarriġ ta' allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq bażati fuq allegati ksur tal-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huma bażati fuq punti ta' prinċipju li jmorru lil hinn mis-sempliċi kwistjoni ordinarja ta' ammissibbilita ta' evidenza fi proċeduri kriminali – ħaġa li kif intqal mhix kompitu ta' din il-Qorti tiddetermina; iżda huma kwistjonijiet ta' prinċipju li jeħtieġu skrutinju tal-argumenti mressqin minn lenti ta' drittijiet kostituzzjonali applikati għall-fattispecie partikolari. Dan l-istħarriġ huwa strettament t'indoli kostituzzjonali, intiż li jiddetermina hemmx lezjoni tad-drittijiet umani jew le minħabba li jrid juri kemm l-eżistenza tal-allegat nuqqas iżda wkoll li tassew dak in-nuqqas kien jissarraf fi vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali attwali jew potenzjali.

**In definittiva kwantu għall-ilment imressaq fuq allegati ksur tal-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jista' jkun, għar-raġunijiet li sejrin jiġu spjegati iżjed l-isfel, kemxejn prematur iżda ma jistax jitqies intempestiv fl-isfond ta' dawn il-proċeduri t'indoli kostituzzjonali.**

**Għalhekk, għal dawn il-motivi, f'dan il-każ, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat, u tipproċedi bil-kunsiderazzjonijiet fil-mertu.**

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-MERITU

34. Ir-rikorrent jibda biex jilmenta minn nuqqas ta' smiegħ xieraq minħabba:

[4] Ara l-appell kostituzzjonali **Victor Micallef vs. Avukat Generali et** deċiż fid-9 ta' Ottubru 2001; u **Ramon Fenech vs. Avukat tal-Istat** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Ottubru 2022.

(a) il-fatt li ma kellux assistenza legali matul l-interrogazzjoni tiegħu u l-interrogazzjoni tax-xhud Christopher Buhagiar u
(b) minħabba li l-Laboratorju Forensiku fejn ġiet analizzata d-droga imsemmija ma kienx akkreditat.

35. Referibbilment għat-tielet ilment tar-rikorrent tal-allegata diskriminazzjoni marbuta mal-effetti tal-aggravju tad-distanza tal-mitt metru, għalkemm fit-trattazzjoni l-Avukat difensur tar-rikorrent irrilevat li l-punt kien sorvolat minħabba li qalet li kien hemm il-bdil fil-Liġi, mill-banda l-oħra r-rikorrent ma rrinuzjax għal din it-talba.

36. Ir-rikorrent jibda bl-ilment ta’ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju li sar mill-Pulizija in konnessjoni mal-proċeduri kriminali li għad hemm pendenti fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent jirriżulta li wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-Ispettur u iffirma dik l-istqarrija. Meta saret din l-istqarrija tar-rikorrent, u dik tax-xhud Christoper Buhagiar, fil-Liġi Maltija kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 fejn ġie promulgat il-jedd għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni; u wisq anqas il-jedd tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni : li ġie promulgat iżjed il-quddiem. Fil-fatt, l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, filwaqt li t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Allura meta r-rikorrenti irrilaxxa l-istqarrija tiegħu dawn il-jeddijiet kienu għadhom mhux viġenti fil-liġi Maltija.

37. L-Avukat tal-Istat jisħaq li l-ġurisprudenza tal-QEDB u dik lokali dwar dan is-suġġett evolviet grazzi għal diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali u dawk tal-Qorti Kostituzzjonali li wħud minnhom esplora fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu.

38. Min-naħa l-oħra l-Avukat difensur tar-rikorrent sostniet li sempliċiment għax l-istqarrija tar-rikorrent ittieħdet mingħajr ma r-rikorrent kien assistit minn avukat kien biżżejjed biex tista’ titqies li seħħet lezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fihom din l-istqarrija ttieħdet, magħquda mal-istat ta’ vulnerabilità tar-rikorrent f’dak iż-żmien. L-istess abbli Avukat saħqet ukoll li kontra dak mistqarr mill-Avukat tal-Istat il-ġurisprudenza Ewropea u dik lokali ma kienux lineari fuq dan is-suġġett.

39. Kif intqal iżjed il-fuq, id-determinazzjoni tal-eżistenza o meno tal-leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq jirrikjedi eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi, b'mod sħiħ u fit-totalita tagħha. Fl-appell kostituzzjonali deċiż fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs. Avukat Ġenerali et** (64/2014) ingħata sfond dwar kif evolviet il-ġurisprudenza fuq din il-kwistjoni: [5]

Effettivament, dan ifisser illi il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proġett fit-totalita tiegħu ('having regard to the development of the proceedings as a whole').

Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta ġiet biex tinterpreta s-sentenza ta' <u>Salduz</u>[6] kienet sa ċerta punt antiċipat din il-preċiżazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 in re **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali**[7], meta osservat illi:

>>14.......... Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-meżżi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min hu tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi ta' ħtija tiegħu..........

>>15 Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dan in-nuqqas wassalx għal ksur ta' jedd għal smiegħ xieraq u hekk inħoloq xi periklu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, ma hemmx ksur.>>

Fi kliem ieħor, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ('having regard to the development of the proceedings as a whole') u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem ma' avukat.

Din kienet il-pożizzjoni li baqgħet tiġi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi il-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien biżżejjed biex jinstab ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

...........

Fid-dawl ta' din is-sentenza il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens għarfet illi wara s-sentenza ta' Borġ dik

---

[5] Ara wkoll **Godwin Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** (57/2021) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 2023.
[6] **Salduz vs. Turkey** QEDB 3639/1/02 deċiża fis-27 ta' Novembru 2008.
[7] Rik Kost 75/2010.

il-pożizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-pożizzjoni tagħha. Hekk fil-każ ta' **Malcolm Said vs L-Avukat Ġenerali,**[8] il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

>>17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni li l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara, hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata li tilqa' għall-abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għall-anqas fejn il-proċess kriminali jkun hemm - illum m'għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg vs Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

>>18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat għalkemm ttenni li hi għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata, u ta' buon sens.>>

Ir-raġuni iżda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl ta' l-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa fil-każ ta' **Beuze vs Belġju**[9], biex tippreċiża aħjar x'inhi il-pożizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' <u>Beuze</u> bħal fil-każ tal-lum, il-liġi domestika fi żmien relevanti ma kinetx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, u ma kien hemm ebda raġuni impellenti għala ma tħallitx tingħata l-għajnuna ta' avukat. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018, il-qorti qalet hekk:

...............................

>>150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pretrial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the courts case long should where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and others,….. § 274, and Simeonovi, …… § 120):

>(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

>>(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with - where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

>>(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

[8] Kost. 24 ta' Ġunju 2016. Rik 74/2014.
[9] Rik. 71409/10

>>(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

>>(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and where it stems from a violation of another convention article, the nature of the violation found;

>>(f) in the case of a statement the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

>>(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the convention was based, and the strength of the other evidence in the case;

>>(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors and the content of any directions or guidance given to the latter;

>>(i) the weight of the public interest in the investigation and the punishment of the particular offence in issue; and

>>(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practise.>>

Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-pożizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borġ milli ma' l-interpretazzjoni moghtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borġ u effettivament tfisser li kellha raġun il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-pożizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.

Uħud mill-Imħallfin membri tal-Qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni, l-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim,[10] is-sentenza ta' Beuze hija kapovolġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġurisprudenza li segwiet is-sentenzi ta' Muscat.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-aggravju tal-attur - sa fejn jgħid illi 'il-fatt waħdu li persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument ta' l-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-Pulizija, minħabba r-restrizzjoni sistematika fil-liġi Maltija, awtomatikament ikun ifisser li saret vjolazzjoni ta' dritt fundamentali ta'

[10] **Ibrahim and others vs. United Kingdom,** QEDB, deċiża fit-13 ta' Diċembru 2016.

smigħ xieraq ta dik l-istess persuna dak l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea' - huwa ħażin huwa miċħud.

40. Fl-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza fuq din il-materja maż-żmien kemm il-posizzjoni tal-Qrati Maltin kif ukoll dik tal-QEDB bdew iżjed jikkonsolidaw ruħhom. Il-Qorti Kostituzzjonali f'kawżi iżjed reċenti fosthom **Francis Xavier Galea vs. Avukat Ġenerali** (180/20/1) deċiża fit-12 ta' Lulju 2023 qalet:

> In linja ġurisprudenzjali hu fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat għandha jedd li ma tinkriminax lilha nnifisha. Għalhekk in-nuqqas ta' dritt għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tal-Pulizija hu meqjus difett proċedurali. Madankollu, dak il-fatt waħdu ma jwassalx bil-fors għal deċiżjoni li seħħ ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq.[11] Il-proċess kriminali jrid jitqies fit-totalità tiegħu 'having regard to the development of the proceedings as a whole.'[12]

41. Din il-Qorti trid ukoll tieħu kont tal-ġurisprudenza Maltija u dik Ewropea dwar dawk l-aspetti tal-istadju li jkunu waslu fihom il-proċeduri kriminali meta jiġi sollevat l-ilment kostituzzjonali. Altru każ li jkun diġà ġie deċiż mill-istadji kollha ordinarji tal-proċedura penali u altru każ li jkun għadu *sub iudice*. Fil-każijiet fejn il-proċeduri penali jkunu għadhom pendenti imbagħad saret ukoll distinzjoni bejn każijiet fejn id-deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tal-akkużat tkun trid tittieħed minn ġudikant togat għal dawk il-każijiet fejn il-meritu tal-każ ikun irid jiġi deċiż minn ġurija popolari.

42. Fil-każ in disamina il-każ ġie deċiż fil-meritu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan allura jfisser li l-Maġistrat li riedet tieħu d-deċiżjoni fil-meritu kienet waħda togata u mgħallma fil-Liġi. Mis-sentenza ta' dik il-Qorti kien sar appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema appell għadu pendenti. Issa allura l-każ irid jiġi mgħarbel minn dik il-Qorti presjeduta wkoll superjorment minn Imħallef togat. Ir-rwol tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-każ huwa li tagħmel stħarriġ ta' reviżjoni tal-provi u l-argumenti legali li waslu lill-Qorti tal-Maġistrati għad-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tistħarreġ jekk in bażi għall-provi kollha preżentati lilha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet fattwali u legali li waslet għalihom fis-sentenza tagħha.

---

[11] **Beuze vs il-Belġju** (71409/2010) deciza fid-9 ta' Novembru 2018; u **Stephens vs Malta** (35989/14) deċiża fl-14 ta' Ottubru 2020.
[12] Ara **Roderick Castillo vs Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020.

43. Il-Qorti tal-Appell Kriminali għalhekk għad għandha s-setgħa u d-dmir tistħarreġ u tqis jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx, legalment u raġonevolment tasal għall-dawk il-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-provi kollha prodotti jew liema fosthom. Il-Qorti tal-Appell Kriminali allura kienet għadha tista' tiddeċiedi jekk tikkonfermax jew tvarjax jew tħassarx dik is-sentenza skont il-każ skont l-aggravji li ġew imresqin quddiemha. Fil-fatt aggravju ewlieni f'dak l-appell jittratta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta bbażat is-sejbien tal-ħtija tar-rikorrent anke fuq l-istqarrija rilaxxjata minnu mingħajr assistenza legali u dan in vista ta' diversi sentenzi t'indoli kostituzzjonali li kienu ġew mogħtija bażati fuq l-effett li tali użu ta' stqarrijiet f'kawża konsimili kellu fuq id-dritt ta' smiegħ xieraq.

44. Din il-Qorti tabbraċċa l-ħsieb mistqarr fl-appell kriminali Superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** tas-27 ta' Jannar 2021 fejn fi ftit kliem qieset li ġaladarba l-istqarrija kienet ittieħdet b'mod konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien li kienet ittieħdet din ma setgħetx tiġi preventivament skartata jew estromessa mill-atti. Iżda mill-banda l-oħra min jiġġudika l-fatti (fil-każ in eżami allura l-ġudikant togat) irid jagħrbel sewwasew dik il-prova fl-isfond tal-provi l-oħra li jkunu ġew sottomessi u jqis jekk u safejn dik il-prova tkunx tista' tiġi meqjusa bħala prova fl-isfond tal-proċedura kriminali kollha kemm hi.

45. Allura f'każ fejn il-proċess kriminali ikun għadu pendenti u allura l-kwistjoni dwar l-analiżi tal-provi prodotti tkun għadha trid issir jew tkun għadha suġġetta għal eżerċizzju ta' reviżjoni, għandhom ikunu dawk il-Qorti ta' Ġustizzja kriminali li qabel xejn jiddeterminaw x'użu jkun jista' jsir jew ma jsirx minn stqarrija rilaxxata minn persuna suspettata fi proċedimenti kriminali kontra tagħha, b'mod partikolari meta dik l-istqarrija kienet meħuda f'ċirkostanzi bħal dawk imsemmija f'dan il-każ. Huma dawk il-Qorti li jridu jagħmlu l-istħarriġ u l-eżerċizzju meħtieġ dwar jekk u safejn ikun *safe and satisfactory* li stqarrija simili tiġix meqjusa prova ammissibbli jew le; u jekk ritenibbli ammissibbli, x'użu jkun jista' jsir minnha fl-isfond tal-proċess penali b'mod sħiħ, inkluż provi kollha nonche ċ-ċirkostanzi sħaħ tal-każ.

46. Effettivament dan huwa wkoll dak li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għamlu f'xi każijiet li kienu riferuti lilhom fil-passat, fosthom, per eżempju **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh et** deċiża fit-22 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet

ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet ordnat li stqarrijiet rilaxxati mill-akkużat, ġja suspettat, fl-2005 - ossija fi żmien fejn id-dritt tal-assistenza legali qabel l-interrogatorju kien għadu biss dritt fuq karta u mhux imqiegħed fis-seħħ – ma jsirx użu minnhom matul il-kors tal-ġuri. Ir-raġunijiet miġjuba huma s-segwenti:

> 16. Dan qed jingħad għaliex, għalkemm f'dan l-istadju din il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, ma għandhiex is-setgħa tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, madanakollu dan l-eżercizzju qed isir għaliex l-Avukat Ġenerali jilmenta mill-fatt illi l-Qorti Kriminali ma daħħlitx biex tezamina jekk il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni Beuze humiex sodisfatti fir-rigward tal-istqarrijiet mertu ta' dan l-appell. Il-Qorti Kriminali kienet tal-fehma illi l-fatt waħdu illi l-appellat ma ngħata ebda forma ta' assistenza legali meta rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu lura fis-sena 2005 u l-2009, u dan għaliex il-liġi ma kenitx tagħtih dan id-dritt, kienet raġuni sufficjenti sabiex tqies illi dawn listqarrijiet kellhom jitwarrbu mill-atti proċesswali billi jkun perikoluż ferm illi ilġudizzju aħħari isir fuq prova li inkisbet meta s-suspettat ma kellux jedd għal ebda forma ta' difiża. Illi l-Qorti fliet bir-reqqa il-kontenut tal-istqarrijiet mertu ta' dan lappell u tqis illi għalkemm huwa minnu illi l-appellat caħad kategorikament linvolviment tiegħu fl-omiċidju, madanakollu huwa jwieġeb għal mistqosijiet kollha li jsirulu meta jintalab jagħti dettalji dwar dak li għamel fil-lejla in kwistjoni, fejn anke biddel għal darba darbtejn xi dettalji mill-verżjoni tiegħu tal-fatti. Dan għamlu meta huwa ma kellu ebda forma ta' difiża, fejn allura ċertu inkonsistenzi jistgħu jdagħjfu lkredibbilita' tiegħu, biex b'hekk bil-fatt illi huwa rrinunzja għall-jedd tiegħu ghassilenzju f'ċirkostanzi fejn ma kellu ebda forma ta' difiża, dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli.

47. Dan huwa allura każ ċar fejn il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali Maltin, xprunati mid-deċiżjonijiet preċedenti, inkluż dawk ta' dawn il-Qrati ta' Ġustizzja Kostituzzjonali, urew li għandhom is-setgħa u l-fakulta li, fl-istħarriġ ordinarju tagħhom tal-każijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom, jagħrblu sewwasew liema għandhom ikunu dawk il-provi legalment ammissibbli u utilizzabbli fil-proċeduri kriminali ta' quddiemhom fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, sabiex jassikuraw il-ħarsien ta' proċess ġust, b'rispett lejn il-jeddijiet tal-bniedem ; u dan mingħajr il-ħtieġa – almenu f'dak l-istadju - li jkun hemm proċeduri ta' natura straordinarja quddiem dawn il-Qrati.

48. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, fejn ir-rikorrent qed jistenna l-eżitu tal-appell kriminali li għadu pendenti, ikun prematur għal din il-Qorti li tippronunzja ruħha jekk l-użu tal-istqarrija tar-rikorrent f'dawk il-proċeduri kriminali li għadhom korrenti, tiksirx il-jedd għal smiegħ xieraq tar-rikorrent, in kwantu l-ammissibilita u l-potenzjal użu jew nuqqas t'użu ta' dik l-istqarrija għad irid igħaddi mill-għarbiel tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Appell Kriminali -

liema Qorti għandha l-għodda u l-għerf meħtieġ biex tevalwa mhux biss il-meritu tal-vertenza iżda wkoll jekk u safejn il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza patria u dik Ewropea ġewx kollha rispettati fl-isfond tal-fatti specie tal-każ. Kif sewwa sottomess mill-Avukat tal-Istat, m'għandhiex tkun din il-Qorti li tiddeċiedi dwar il-valur probatorju tal-istqarrija tar-rikorrent.

49. L-istess japplika għall-ilment tar-rikorrent dwar l-istqarrija rilaxxata minn Christopher Buhagiar li ġiet sollevata f'dan ir-rikors bid-differenza però li f'din l-istanza, l-enfażi saret fuq il-fatt li anke l-istqarrija ta' dan ix-xhud kienet meħuda mingħajr assistenza legali mentri fl-appell kriminali, ir-rikorrent qiegħed jiffoka iżjed fuq ir-rwol ta' dan ix-xhud u l-kredibbilita tiegħu bħala tali nonche fuq is-sehem tiegħu fil-konsenja kontrollata.

50. F'dan il-każ il-Qorti tqis li għalkemm jirriżulta li din l-istqarrija ġiet ikkonfermata bil-ġurament quddiem il-Maġistrat inkwirenti, jibqa' l-fatt li anke l-istqarrija ta' Christoper Buhagiar ingħatat fi żmien meta l-jedd għall-assistenza legali dwar l-istqarrija kien għadu mhux viġenti fil-liġi. Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat jirreferi għall- kawża deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs. Clayton Azzopardi** deċiża fit-13 ta' Frar 2017, fejn ġie deċiż li ma kien hemm ebda ksur tajjeb ta' smigħ xieraq naxxenti mit-teħid ta' stqarrija ta' xhud ewlieni meta tara li x-xhud ma kienx assistit minn avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija.

51. Pero kwantu għall-ilment tar-rikorrent fis-sens li jistieden lil din il-Qorti tqis li kien hemm ksur tal-jeddijiet ta' smiegħ xieraq meta fil-proċeduri kriminali pendenti ttieħdet kont tal-istqarrija ta' Christopher Buhagiar meta dan ma kienx legalment assistit, il-Qorti jidhrilha li r-rikorrent ma għandux raġun. Fil-każ tiegħu ma ġietx biss eżebita stqarrija ta' Christopher Buhagiar, iżda dan tressaq bħala xhud li xehed wara li huwa kien ukoll ġie sentenzjat definittivament mill-Qorti tal-Maġistrati. Christopher Buhagiar kien assista wkoll lill-Pulizija fl-isfond ta' konsenja ta' droga kontrollata fis-sensi tal-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jirriżultax li Christopher Buhagiar b'xi mod kien ikkontesta l-validita jew il-legalita jew il-leġittimita' tal-istqarrija tiegħu. Jekk xejn, kellu jkun l-istess Christopher Buhagiar li kellu li l-jedd li jagħmel din il-kontestazzjoni u mhux persuna oħra li kienet estranea għall-proċeduri penali li ttieħdu kontra l-istess Christopher Buhagiar. Dan l-ilment għalhekk ma jistax jiġi milqugħ.

**Għal dawn ir-raġunijiet, u fid-dawl tal-proċeduri penali li għadhom korrenti u soġġetti għar-reviżjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali, dil-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward in kwantu ma tqisx li f'dan l-istadju tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent li tqis l-istqarrijiet tar-rikorrent u x-xhud Christopher Buhagiar bħala leżivi tal-jeddijiet tal-bniedem tar-rikorrent fis-sensi tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni.**

**L-ilment - dwar nuqqas ta' akkreditar tal-Laboratorji Forensici.**

52. Ir-rikorrent sostna wkoll li l-laboratorju fejn ġiet analizzata l-imsemmija droga, li dwarha saret l-akkuża fil-konfront tiegħu, ma kienx akkreditat ai termini tad-Deċiżjoni Kwadru 2009/905JHA datata 30 ta' Novembru 2009. Saħaq li permezz ta' din id-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri ġew mitluba li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati ENISO/IEC 17025, u dan billi jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali li jikkonforma ma' l-ENISO/IEC 17025.

53. Fit-trattazzjoni tagħha l-Avukat difensur tar-rikorrent qalet li kien minnu li fil-proċess kriminali dan kien fatt li kellu jiġi ddeterminat waqt il-ġuri. Madankollu ġaladarba l-konklużjonijiet tal-ispiżjara kienu determinanti f'każijiet ta' droga - għax kien dak li jiddetermina jekk dik is-sostanza kinetx waħda illeċita jew le - il-laboratorju kellu jkun wieħed akkreditat sabiex jiġi assigurat li kollox ikun tmexxa kif suppost meta ssir l-analiżi ta' droga in kwistjoni. Ir-rikorrent argumenta li n-nuqqas ta' tħaris ta' dan ir-rekwiżit tal-akkreditazzjoni kien iwassal għall-vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq.

54. Minn naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat issottometta li l-ispiżjar Mario Mifsud kien espert tal-Qorti maħtur fl-inkjesta Maġisterjali biex janalizza jekk is-sustanza kienetx droga jew le. Qal li r-rikorrent kellu l-għodda kollha permessibbli mil-liġi sabiex jikkontesta l-konklużjonijiet tal-espert u dawn id-drittijiet proċedurali bl-ebda mod ma ġew mittiefsa. Inoltre, sostna li fil-proċeduri kriminali r-rikorrent ma oġġezzjonax dwar il-ħatra ta' Dr Mario Mifsud sabiex janalizza s-sostanza kienetx droga jew le, u ma oġġezzjonax lanqas dwar il-fatt jekk is-sustanza effettivament kienetx droga jew le.

55. Filwaqt li rrikonoxxa li verament din id-Deċiżjoni Kwadru kienet ġiet trasposta fil-Liġi Maltija, mill-banda l-oħra irriżulta li dan l-ordni dwar l-akkreditar tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji kienu japplikaw esklussivament għal attivitajiet tal-laboratorji li rriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika, li ma kienx il-każ li dwaru lmenta r-rikorrent. Fil-fatt, ix-xhud l-Inġinier Claudio Boffa fix-xhieda tiegħu tal-25 ta' Mejju 2022[13], ikkonferma illi l-unika laboratorju akkreditat sa dakinhar kien dak tal-Bio DNA.

56. L-artikolu 3 ta' LS 460.31 igħid:

> Dan l-ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/GAI tat-30 ta' Novembru 2009 Dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:
>
> (a) Profil tad-DNA; u
> (b) Data dattiloskopika.

57. L-artiklu 8 tal-istess regolament igħid:

> Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni, ir-riżultati tal-fornituri akkreditati ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali;
>
> (2) Dan l-ordni ma jaffettwax il-validità, stabbilita skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, tar-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ukoll jekk il-fornitur ta' servizzi forensiċi ma kienx akkreditat bħala li jikkonforma mal-EN ISO/IEC 17025.

58. Kif sewwa sottomess mill-Avukat tal-Istat, dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex applikabbli għall-każ in eżami. Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat tal-Istat li meta wieħed jeżamina l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni flimkien mal-ġurisprudenza relattiva, l-ilment tar-rikorrent bl-ebda mod ma jista' jitqies li jilledi xi dritt ta' smiegħ xieraq jew jippresta xi theddida għal dan id-dritt. Id-dispożizzjonijiet suċċitati ma jiċċentrawx ma' l-ilment tar-rikorrent dwar ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq.

[13] Fol 170 et sequitur.

**Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssibx li kien hemm ebda ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kemm taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

**L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artkolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

59. Ir-rikorrent ilmenta wkoll minn ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-aċċenn għal dan l-allegat ksur tad-drittijiet umani a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea isir biss fl-ewwel talba fir-rikors promotur. Fit-trattazzjoni l-avukat difensur tar-rikorrent ma semmiet xejn dwar dan.

60. Fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat sostna li għal dak li jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni fejn l-ilment kien mibni fuq allegata diskriminazzjoni, sabiex wieħed setgħa jitkellem fuq diskriminazzjoni huwa ried ikun qiegħed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma kienux oġġettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bażi ta' similitudini. L-Avukat tal-Istat sostna wkoll għalkemm ir-rikorrent invoka diskriminazzjoni, huwa ma kienx ċar b'liema mod ġie jew kien sejjer jigi diskriminat.

61. L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jiddisponi li:

> (1)Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha.
> (3)F'dan l-artikolu il-kelma 'diskriminatorju' tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita tal-generu, li minħabba fihom, persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma ikunux suġġetti għalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma ikunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn.

62. L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid hekk:

> It-tgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet kontemplati f'din il-konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor.

63. Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **D.H. and Others vs. The Czech Republic** (57325/00) deċiża mit-13 ta' Novembru 2007 dwar il-ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ġiet spjegat illi diskriminazzjoni taħt il-Konvenzjoni għandha tinftiehem bħala:

> The Court has established in its case-law that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly 'similar situations' (See Willis vs the United Kingdom no. 36042/97, § 48, ECHR 2002-IV), and Okpisz vs Germany no. 59140/00, § 33,25 October 2005). [14]

64. Illi f'dan il-każ ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova li persuna jew persuni oħra fl-istess sitwazzjoni tiegħu ġew trattati b'mod differenti u lanqas ma indika il-motiv li jifforma l-bażi tad-diskriminazzjoni allegata. Inoltre, huwa ma ressaq ebda paragun ta' xi forma ta' diskriminazzjoni, u kien jinkombi fuqu li jipparaguna sitwazzjoni fuq bażi ta' similitudini.

65. Biss il-Qorti fehmet li l-argument tar-rikorrent setgħa sar b'riferenza għal dak dispost mill-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi bil-fatt li huwa kien ġie mixli li kkommetta r-reat f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew xi post ieħor fejn jiltaqgħu iż-żagħżagħ – f'kuntest fejn ma ġiex muri li huwa għamel xi azzjoni partikolari li biha deher jiffaċilita l-provvista tad-droga liż-żagħżagħ u fejn allura setgħa jidher li dan l-aggravju ġie addebitat lilu sempliċiment għax b'mod "awtomatiku" huwa kien jinsab f'post li kien jaqa' f'dik id-distanza ġeografika. B'hekk ħassu li l-Liġi kienet qegħda tiddiskrimina kontra tiegħu in kwantu issa b'dik il-forma ta' xilja huwa ma setgħax jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien jipprovdi għal esklużjoni tal-

---

[14] It-terminu 'similar situation' ġiet definita fid-deċiżjoni **Clift vs. United Kingdom** (No.7205/07) deċiża nhar it-13 ta' Lulju 2010 bħala s-segwenti:

> The Court has established in its case-law that in order for an issue to arise under article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar situations (D.H. and others vs the Czech Republic, no.57325/00, § 175, ECHR 2007; Burden cited above, § 60; and Carson, cited above, § 61). The court notes that the requirement to demonstrate an analogous position does not require that the comparator groups be identical. The fact that the applicant situation is not fully analogous to that of shorter term or life prisoners and that there are differences between the various groups does not preclude the application of Article 14 (see mutatis mutandis, Petrov vs Bulgaria, no. 15197/02, § 53,22 May 2008). The applicant must demonstrate that having regard to the particular nature of his complaint, he was in a relevantly similar situation to others treated differently.

Fil-każ fl-ismijiet **Spadea vs. Scalabrino vs Italy**, deċiża mill-QEDB fit-28 ta' Settembru 1995, ġie osservat li:

> Article 14 will be breached where without objective and reasonable justification, pair since and relevantly similar situations are treated differently. For a claim of violation of this article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, did this situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated.

applikabbilita tad-disposizzjonijiet tiegħu fil-każ li persuna tiġi mixlija bir-reat ta' traffikar ta' droga magħmul f'post li jkun jikkwalifika b'dik id-distanza. Iżid li dan kien minħabba li l-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ma jispjegax għaliex persuna akkużata b'dan l-aggravju tad-distanza kienet prekluża mill-applikabbilta tal-istess Liġi u r-raġuni għal tali esklużjoni. Skont ir-rikorrent dawn il-kriterja kollha kienu qegħdin jiksru l-jeddijiet fundamentali tiegħu.

66. Din il-Qorti tqis li din it-talba tar-rikorrent ma tistax tirnexxi għal diversi raġunijiet. Qabel xejn il-Liġi li tirregola u tipprojbixxi l-abbuż mid-droga tistabbilixxi kriterju oġġettiv marbut ma' postijiet u distanzi indipendentement mill-intenzjoni jew azzjoni pożittiva, attiva jew suġġestiva tal-persuna. Il-fatt fih innifsu li persuna tinsab li tkun wetqet xi wieħed mill-fatti meqjusa reati marbuta mal-abbuż tad-droga f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żagħżagħ, huwa meqjus att li peress li jkun ġie mwettaq f'dak il-post kellu jitqies li jkun iżjed serju minn meta l-istess fatt-reat jitwettaq bnadi oħra. Il-Liġi tistabbilixxi kriterji oġġettivi u indipendenti mill-azzjoni jew rieda tal-akkużat minħabba li tapprezza l-gravita maġġuri tar-reati marbuta mal-abbuż tad-droga li jkunu kommessi viċin taż-żagħżagħ li, in kwantu jkunu f'eta żagħżugħa jitqiesu iżjed suxxettibbli li jiġu b'xi mod indotti jesperimentaw bid-drogi tal-abbuż. Din ma kienetx liġi li tħares b'mod differenti lejn l-uċuħ ta' dawk li jikkommettu r-reati ta' droga iżda kienet liġi maħsuba li tħares l-uċuħ ta' dawk li faċilment setgħu jaqgħu vitmi tal-abbuż mid-droga.

67. Biss apparti milli żżid il-piena, din il-kwalifika kellha wkoll l-effett li teskludi l-applikabbilita tad-disposizzjonijiet tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta għal min jikkommetti r-reat ta' bejgħ, provvista, is-somministrazzjoni jew l-offerta ta' droga projbita fejn għal dak ir-reat ikun japplika wkoll it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ossija meta persuna tikkommetti r-reat imsemmi fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u l-istess reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

68. Din l-esklużjoni ma tapplikax għal min ikun ikkommetta ir-reat ta' bejgħ, provvista, somministrazzjoni jew offra ta' droga projbita u fejn għal dak ir-reat **ma jkunx** japplika wkoll it-tieni proviso tas-

subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

69. Donnu li r-rikorrent allura jrid jgħid li l-Liġi qegħda toħloq distinzjoni bejn ir-reat ta' traffikar ta' droga magħmula f'postijiet li jkunu lil hinn minn distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ għal reat li jiġi kommess f' distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ f'kuntest fejn min ikun qiegħed jagħmel dak ir-reat ma jkun qiegħed jagħmel xejn aktar (mill-fatt-reat innifsu) biex jissolleċita jew jiffaċilita jew jiġbed lejh żagħżagħ li jistgħu ikunu f'dik id-distanza msemmija bil-Liġi u allura b'applikazzjoni awtomatika ta' dan l-aggravju fejn prova tal-atti li jikkostitwuh ma jkunux saru; u allura donnu jrid jgħid li din hija liġi li tiddiskrimina bejn min ibiegħ id-droga bil-kwalifika tad-distanza tal-mitt metru għal min ibiegħ id-droga lil hinn minn dik id-distanza.

70. Bid-dovut rigward, dan l-argument tar-rikorrent bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa xi forma ta' diskriminazzjoni fit-termini Kostituzzjonali jew Konvenzjonali. Ir-rikorrent qiegħed jikkonfondi l-ħarsien tal-jeddijiet mogħtija u rikonoxxuti universalment lil bniedem bħala bniedem, u d-distinzjoni pożittiva li tista' ssir fl-eżerċizzju leġittimu ta' dawk id-drittijiet mad-distinzjoni li l-Liġi tista' toħloq u tagħmel għal min jabbuża mid-dritt u b'mod partikolari bl-azzjoni deliberata tiegħu jikser il-Liġijiet kriminali.

71. Il-Liġi kriminali toħloq pieni u konsegwenzi tal-pieni għal min jikser il-Liġi kriminali. Min jikser il-Liġi kriminali għandu jeddijiet proċedurali li jridu jiġu mħarsa. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-Liġi ma tistax toħloq regoli, pieni, konsegwenzi jew rimedji li jkunu differenti u li jvarjaw skont il-grad ta' serjetà li l-Liġi tqis l-azzjonijiet kriminali projbiti jkunu jimmeritaw. Il-Liġi verament toħloq id-distinzjoni lamentata mir-rikorrent. Iżda għal dik id-distinzjoni hemm raġuni ben speċifika u oġġettiva - li hija intiża li, kif ingħad iżjed il-fuq, toffri protezzjoni mhux għal min jagħżel minn jeddu u għall-profitt tiegħu li jikser il-Liġi, iżda bi protezzjoni għal min il-Liġi tqis li għandu jiġi mħares mill-azzjoni kriminali ta' min ikun irid jisfruttaħ.

72. Il-protezzjoni żejda li l-Liġi trid tagħti f'dan il-każ huwa intiż biex kemm jista' jkun tiddiżinċentiva u żżomm lura lil min jittenta fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita

f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ. Tagħmel dan billi mhux biss tikkastiga lil min jagħmel dan l-att b'żieda fil-piena fil-każ li jinstab ħati, iżda wkoll billi teskludi l-possibilita li min ikun traffikant tad-droga ikun jista' jitqies li huwa meritevoli tar-rimedji suppost maħsuba għal min ikun vittma tad-droga billi tagħmilhom mhux applikabbli għal min jbiegħha u jmexxiha għall-qliegħ tiegħu f'dik id-distanza ta' mitt metru kif speċifikat.

73. Allura għalkemm verament il-Liġi toħloq distinzjoni bejn dawn iż-żewġt xenarji imsemmija, hija tagħmel dan biex tilħaq għan leġittimu konsistenti fil-protezzjoni miżjuda għaż-żagħżagħ u fil-kontemp toħloq miżura ta' disważjoni akbar għal min jittraffika d-droga f'postijiet ġeografikament viċin fejn jiltaqgħu jew jinġemgħu iż-żagħżagħ billi toħloq kriterji oġġettivi li jagħmluha iżjed ħarxa aktar minn għal dawk li jagħmlu l-istess atti ta' traffikar iżda mhux fejn ikunu jiltaqgħu jew jinġemgħu ż-żagħżagħ. Għalkemm ir-reat ta' traffikar ta' droga huwa gravi dejjem u fi kwalunkwe każ, il-Liġi tqisu li huwa iżjed gravi meta dan isir, skont il-kriterji oġġettivi stabbiliti minnha, f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

**Bid-dovut rispett il-Qorti ma tqis li ma hemm xejn diskriminatorju f'dan li ingħad iżjed il-fuq fis-sens li b'xi mod jista' jitqies li jivvjola l-jeddijiet tal-bniedem fis-sensi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi il-Qorti:**

**(a) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u dan peress li għalkemm l-ilment tal-allegat ksur tal-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jista' jkun, għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq, kemxejn prematur, fl-istess waqt l-istess ilment ma jistax jitqies intempestiv fl-isfond ta' dawn il-proċeduri t'indoli kostituzzjonali;**

**u fil-kontemp filwaqt li tilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat in kwantu**

**(b) ma tqisx li l-istqarrijiet tar-rikorrent u x-xhud Christopher Buhagiar bħala leżivi tal-jeddijiet tal-bniedem tar-rikorrent fis-sensi tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni; kif ukoll**

**(c) ma ssibx li kien hemm ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba li d-droga misjuba ma ġietx analizzata minn Laboratorju Akkreditat; u**

**(d) ma tqis li kien hemm xejn diskriminatorju f'dan il-każ li b'xi mod jista' jitqies li jivvjola l-jeddijiet tal-bniedem fis-sensi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; u b'hekk**

**tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**